# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT
## DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.

**Rikors Numru: 220/2021 RM**

**Elmo Insurance Limited [C-3500]**

**-Vs-**

**Josepha Sciberras Grioli Tanti [K.I. Numru 449286M]**

**Illum, 9 ta' Novembru 2021**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tas-socjeta` attrici pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-3 ta' Awwissu 2021 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuta Josepha Sciberras Grioli Tanti tħallas is-somma komplessiva ta' tlettax-il elf disgħa u ħamsin ewro tlieta u disgħin ċenteżmu (€13,059.93) rappreżentanti danni, imgħax, spejjes ġudizzjarji u VAT li għalihom tajjeb is-soċjeta' attriċi Elmo Insurance Limited versu r-rikorrent fl-arbitraġġ fl-ismijiet "*Christian Storseth vs. Niamh Maria Murphy et"* (M4675/2016) deċiż fit-3 ta' Settembru 2019 kif kienet kostretta u obbligata tagħmel a tenur tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta fil-vesti tagħha ta' assikuratur tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni BBS 927, liema vettura kienet qed tinstaq minn ċertu Niamh Maria Murphy.

Fil-fatt ġara li, fis-27 ta' Lulju 2015, il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni BBS 927, proprjeta' tal-konvenuta Josepha Sciberras Griola Tanti u assikurata mis-soċjeta' mittenti Elmo Insurance Limited, waqt li kienet qiegħda tinsaq minn Niamh Maria Murphy, sfat involuta f'inċident awtomobilistiku fi Triq il-Qawra, San Pawl il-Baħar, mal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni JBS 464, proprjeta' ta' terzi.

Ġara iċda li s-sewwieqa Niamh Maria Murphy kellha eta' inferjuri għal ħamsa u għoxrin (25) sena li kienet l-eta' speċifikament indikata fil-polza ta' assikurazzjoni għall-fini ta' kopertura. Għalhekk is-sewwieqa Niamh Maria Murphy ma kienitx koperta mill-istess polza. Cio' nonostante is-soċjeta' attriċi Elmo Insurance Limited ma setgħatx ma tħallasx lit-terz una volta kienu sodisfatti d-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta.

Permezz ta' ittra uffiċjali tagħha tas-7 ta' Diċembru 2015, is-soċjeta' attriċi Elmo Insurance Limited *inter alia* wissiet lill-istess konvenut Josepha Sciberras Grioli Tanti kif ukoll lis-sewwieqa Niamh Maria Murphy bil-konsegwenzi kollha li kienu se jġarrbu fil-konfront tagħha fil-każ ta' proċeduri ġudizzjarji li setgħu jiġu stitwiti kontra tagħhom, una volta kienu sodisfatti fil-konfront tas-soċjeta' mittenti Elmo Insurance Limited id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk l-ittra uffiċjali tas-7 ta' Diċembru 2015, dawk tal-ittra uffiċjali tal-4 ta' Novembru 2020 a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u bl-imgħax legali b'effett mill-4 ta' Novembru 2020 sad-data tal-effettiv pagament, kontra l-konvenuta li hija minn issa stess inġunta għas-subizzjoni.

Jekk jonqos li jidher fil-jum u siegħs hawn fuq imsemmija, il-Qorti tiddeċiedi skond il-Liġi, maħruġ.

Semgħet ix-xhieda tal-konvenuta u rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha;

Semgħet lill-partijiet waqt l-udjenza tal-21 ta' Ottubru 2021 jiddikjaraw illi huma laħqu ftehim li permezz tieghu ittransigew il-vertenza mertu ta' din il-kawża permezz ta' skrittura privata konkluża bejniethom fl-4 ta' Ottubru 2021 u semgħet lill-istess partijiet jitlobu li l-Qorti tagħti sentenza abbażi tal-istess ftehim ta' transazzjoni;

Rat illi din it-talba ġiet milqugħa fis-seduta tal-21 ta' Ottubru 2021;

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-Qorti ġiet mitluba mill-partijiet sabiex tiddeciedi din il-kawza abbazi ta' u skont it-termini u kundizzjonijiet maqbula fil-ftehim konkluż bejniethom fl-4 ta' Ottubru 2021, esebit fl-atti tal-kawża mill-konvenuta waqt ix-xhieda tagħha (Dok. A).

Skont dan il-ftehim, il-konvenuta Josepha Sciberras Grioli Tanti ikkostitwixxiet ruħha vera, ċerta u likwida debitriċi tas-soċjeta' attriċi Elmo Insurance Limited fis-somma ta' ħmistax-il elf Euro (€15,000) liema somma hija ntrabtet li tħallasha sa mhux iktar tard minn sentejn mid-data tal-ftehim u dan permezz ta' depożitu fis-somma ta' sebat elef Euro (€7,000) u sussegwentement, permezz ta' pagamenti mensili fis-somma ta' erba' mitt Euro (€400) fix-xahar fl-ewwel ġimgħa ta' kull xahar. Il-partijiet ftiehmu wkoll illi fl-eventwalita` li l-konvenuta tonqos milli tħallas pagament wieħed minn dawk dovuti mensilment, jibdew jiddekorru imgħaxijiet bir-rata ta' tmienja fil-mija (€8%) fuq il-bilanċ li jkun dovut. Ġie maqbul ukoll illi f'każ li l-konvenuta tonqos milli tħallas żewġ pagamenti mensili jew ammont ekwivalenti wara tkun ġiet interpellata għall-ħlas mis-soċjeta' attriċi permezz ta' ittra ġudizzjarja u tkun għadha moruża fil-ħlas tal-ammont li tkun ġiet interpellata tħallas wara ħmistax-il ġurnata, l-istess konvenuta titlef awtomatikament il-benefiċċju tat-terminu u l-bilanċ sħiħ li jkun għadu dovut, isir dovut minnufih.

Il-Qorti tosserva illi effettivament, is-somma li l-konvenuta aċċettat li tħallas lis-soċjeta' attriċi teċċedi s-somma li ġiet effettivament mitluba mill-istess soċjeta' attriċi fir-Rikors promotur ta' din il-kawza. Kemm hu hekk, is-somma mitluba fir-Rikors hija ta' €13,059.93 filwaqt illi l-partijiet fl-iskrittura privata li kkonkludew bejniethom fl-4 ta' Ottubru 2021, qablu dwar ħlas ta' debitu fis-somma komplessiva ta' €15,000. Madanakollu, billi l-konvenuta nnifisha xehdet li hi taqbel li l-Qorti tippronunzja s-sentenza tagħha abbażi tal-ftehim in kwistjoni fejn hija aċċettat li hi debitriċi tas-somma ta' €15,000, il-Qorti fehmet illi ma hemm l-ebda xkiel sabiex f'dan il-każ – u ġaladarba s-somma maqbula ma teżorbitax il-parametri tal-kompetenza tagħha – hija tiddeċiedi u tikkundanna lill-konvenuta għall-ħlas ta' somma ikbar minn dik mitluba fir-Rikors promotur.

Għalkemm dan ma jirriżultax espressament mit-termini tal-ftehim konkluż bejn il-partijiet, il-Qorti fehmet ukoll illi s-somma maqbula, ta' €15,000, ġaladarba din teċċedi s-somma mitluba fir-Rikors promotur, tinkludi fiha oltre għall-kapital, l-imgħaxijiet ġia' magħluqa u l-ispejjeż ġudizzjarji li ġia' ġew inkorsi mis-soċjeta' attriċi. Dan qed jingħad mhux biss għaliex is-soċjeta' attriċi fir-Rikor promotur iddikajrat li s-somma mitluba ta' €13,059.93, tirrappreżenta "*danni, imgħax, spejjeż ġudizzjarji u VAT*", iżda wkoll għaliex jirriżulta li l-partijiet qablu wkoll dwar il-ħlas tal-imgħax fuq is-somma maqbula li, kif rajna, diġa' tinkludi fiha l-imgħaxijiet u ma pprovdew bl-ebda mod dwar il-kap tal-ispejjeż mitluba f'din il-kawża. Għahekk, billi l-ftehim jirrappreżenta l-ftehim sħiħ milħuq bejn il-partijiet, il-Qorti sejra tastjeni milli tipprovdi dwar il-ħlas tal-ispejjez u imgħaxijiet.

**Għal dawn il-motivi, taqta` u tiddeciedi l-kawza billi taghmel referenza ghall-iskrittura privata konkluża bejn il-partijiet fl-4 ta' Ottubru 2021, liema skrittura qiegħda tiġi annessa ma' din is-sentenza biex tifforma u tiġi meqjusa bħala parti integrali minnha, u għaldaqstant tordna lill-konvenuta JOSEPHA SCIBERRAS GRIOLI TANTI tħallas lis-soċjeta` attrici s-somma ta' ħmistax-il elf Euro, liema ħlas għandu jsir permezz ta' depożitu fis-somma ta' sebat elef Euro (€7,000) u sussegwentement, permezz ta' pagamenti mensili fis-somma ta' erba' mitt Euro**

**(€400) fix-xahar fl-ewwel ġimgħa ta' kull xahar; fl-eventwalita` li l-konvenuta tonqos milli tħallas pagament wieħed minn dawk dovuti mensilment, jibdew jiddekorru imgħaxijiet bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fuq il-bilanċ li jkun dovut u f'każ li l-konvenuta tonqos milli tħallas żewġ pagamenti mensili jew ammont ekwivalenti wara li tkun ġiet interpellata għall-ħlas mis-soċjeta' attriċi permezz ta' ittra ġudizzjarja u tkun għadha moruża fil-ħlas tal-ammont li tkun ġiet interpellata tħallas wara ħmistax-il ġurnata, hija titlef awtomatikament il-beneficcju tat-terminu u l-bilanċ sħiħ li jkun għadu dovut, isir dovut minnufih.**

**Tastjeni milli tipprovdi dwar il-kap tal-ispejjeż u imgħaxijiet.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**